# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 4**

**Rikors Numru 822/2019**

**Antoinette Bugeja (K.I. Nru 406969M)**
**Vs**
**(1) Hotset Malta Limited (C 29950)**
**(2) Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)**
**(3) Ralf Michael Schwarzkopf (Passpost Numru L7TMWW547)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Antoinette Bugeja (l-Attriċi) tas-26 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi nhar is-6 ta' Settembru, 2017 ghall-habta ta' 7:05am gewwa l-fabbrika Hotset Malta Ltd li tinsab Hal Far, waqt il-qadi ta' dmirijietha, l-esponenti sfat imwegga meta forn fl-istess fabbrika sploda bil-konsegwenza li l-esponenti sforiet debilita permamenti.

2. Illi dan l-incident huwa kollu frott ta' traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' manutenzjoni adekwata fuq l-apparat da parti taghhom jew min minnhom.

3. Illi in oltre l-istess konvenuti jew min minnhom naqsu li jassiguraw is-sigurta tal-esponenti u tal-impjegati l-ohra tant li l-istess esponenti ma kinitx provduta bl-edba ilbies ta' sigurta bhal headphone, nuccali prottettiv appozitu, ingwanti u ilbies iehor simili.

4. Illi b'riżultat ta' dan l-incident, l-attrici wegghet serjament u ghadha qieghda ssofri minn debilità permanenti serja, danni morali oltre li garbet danni oħra, inkluż telf ta' qliegh mix-xoghol u spejjez ta' medicini, tobba u specjalisti.

5. Illi minkejja li l-intimati gew debitament interpellati, anke permezz ta' Ittri Uffiċjali, sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati minnhom jew min minnhom kif fuq inghad, huma baqghu inadempjenti.

6. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

GHALDAQSTANT, in vista tal-premess, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobHa:-

1. TIDDIKJARA u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-6 ta' Settembru, 2017 gewwa l-fabbrika Hotset Malta Ltd li tinsab Hal Far kif fuq inghad, u ghad-danni kollha li sofriet l-attrici b'konsegwenza ta' l-istess;

2. TILLIKWIDA d-danni kollha hekk sofferti mill-attrici, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominadi;

3. TIKKUNDANNA lill-intimati jew min minnhom jhallsu lill-attrici is-somma hekk likwidata.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Uffiċjali bin-numri progressivi u bl-imghax legali kontra l-intimati in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Hotset Malta Limited u Ralf Michael Schwarzkopf (is-Soċjeta' konvenuta u l-konvenut rispettivament) tas-26 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi, preliminarjament u limitatament **fil-konfront tal-esponent Ralf Michael Schwarzopf**, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontra l-imsemmi esponent fil-kwalita' personali tieghu stante li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-imsemmija rikorrenti u Ralf Michael Schwarzopf fil-kwalita' personali tieghu. Di fatti, l-istess Ralf Michael Schwarzopf huwa sempliciment direttur u sid tas-socjeta' intimata Hotset Malta Limited.

2. Gialadarba bejn dawn il-partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku [li jitnissel *ex nunc* minn xi agir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-prezenti kawza, isegwi ghalhekk li l-esponent Ralf Michael Schwarzopf mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi tal-imsemmija rikorrenti u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu, it-talbiet rikorrenti hekk kif diretti kontra l-esponent Ralf Michael Schwarzopf huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-imsemmija rikorrenti.

4. Illi, **fir-rigward tas-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited**, qabel xejn ghandu jigi rilevat li, skond il-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, anke a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jinkombi interament fuq ir-rikorrenti li tipprova skond il-grad rikjest mill-ligi illi l-incident *de quo* verament sehh minhabba xi traskuragni, negligenza, imperizja, nuqqas ta' hsieb jew nuqqas ta' manutensjoni adegwata fuq l-appart da parti tas-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited hekk kif jidher li qieghed jigi allegat fir-rikors promotur. Bl-istess mod, ir-rikorrenti hija tenuta tipprova skond il-grad rikjest mill-ligi li s-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited ma assikuratx is-sigurta' tar-rikorrenti u tal-impjegati l-ohra u li ma pprovdietx ebda ilbies prottettiv.

5. Illi min-naha taghha, is-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited formalment tichad l-ewwel talba rikorrenti bhala wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi michuda; dan stante illi l-istess esponenti mhiex responsabbli ghall-incident *de quo*, liema incident sehh unikament bi htija tar-rikorrenti stess meta naqset milli ssegwi proceduri ta' prudenza fl-ezekuzzjoni ta' xogholha fuq il-lant, kif *del resto* hija obbligata taghmel, hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi, *di piu*, ghal kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur, is-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited dejjem aggixxiet b'diligenza fejn, fost affarijiet ohra, dejjem adderiet ruhha mal-obbligi legali taghha, fosthom dawk kontenuti fil-Kapitolu 424 ta' Ligijet ta' Malta fejn sahhet sabiex tipprovdi lill-impjegati taghha, fosthom lir-rikorrenti, *a safe place of work* kif ukoll *a safe system of work*.

7. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tigi rigettata stante li m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrenti. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandha taghmel il-prova tad-danni skond il-ligi.

8. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha ukoll tkun michuda u dan ghaliex is-socjeta' esponenti Hotset Malta Limited m'ghandhiex tigi kostretta thallas ebda danni lill-istess rikorrenti.

9. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi, bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited (il-konvenuta Assigurazzjoni) tas-26 ta' Settemnru 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi, preliminarjament, jigi eccepit illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda in kwantu diretti kontra s-socjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited stante li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-istess rikorrenti u s-socjeta' assikurattiva Atlas Insurance PCC Limited. Gialadarba bejn dawn iz-zewg partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu guridiku [li jitnissel *ex nunc* minn xi agir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-prezenti kawza, isegwi ghalhekk li s-socjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited m'hiex il-legittimu kontradittrici ghall-lanjanzi tar-rikorrenti u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Di piu', is-socjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited tirrileva illi r-relazzjoni ta' bejnha u bejn is-socjeta' intimata Hotset Malta Limited hija wahda interna, regolata bil-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni vigenti bejniethom, ghal liema relazzjoni r-rikorrenti hija totalment estranea.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sussegwenti, ghal dak li jirrigwarda l-mertu, it-talbiet rikorrenti hekk kif diretti kontra s-socjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

4. Illi, konsegwentement, minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-sussegwenti, m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti u wisq anqas ghandha s-socjeta' esponenti tigi kkundannata thallas lill-istess rikorrenti xi danni hekk likwidati.

5. Salv ghal kull eccezzjoni ulterjuri permessa mill-ligi, bl-ispejjes kontra tal-istess rikorrenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smiegħ.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attriċi kienet impjegata mas-Soċjeta' Konvenuta li tinsab ġewwa Ħal-Far. Waqt li kienet fuq xogħlha, taħdem billi tħaddem speċi ta' forn, f'xi ħin dan kellu *backfire* u b'konsegwenza ta' hekk sofriet ġrieħi ta' natura permanenti. Dan l-inċident industrijali seħħ fis-6 ta' Settembru 2017.

L-Attriċi nterpellat lill-konvenuti jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni u għaliex baqgħu inadempjenti mat-talba tagħha għamlet din il-Kawża għad-danni.

**Punti ta' Liġi**

It-talba ta' l-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol.

Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work"* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol. Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskju għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-

Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara **fost oħrajn Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem.

Pero' wkoll "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).*"

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti ta' l-inċident b'idejh (Ara

**App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**)

Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara art. 6(3) tal-Kap 424).

Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**).

B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**). Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża.

Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**) intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*" Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed

għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti wkoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita'.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel punt legali li jrid jitqies huwa l-ewwel eċċezjonijiet sollevati mill-konvenuti kollha. Għalhekk il-Qorti trid tara jekk il-konvenut Ralf Michael Schwarzkopf u s-Soċjeta' Atlas Insurance Limited humiex il-leġittimi kontradditturi f'din il-Kawża.

Huwa stabbilit li l-konvenut Ralf Michael Schwarzkopf huwa direttur u sid tas-Soċjeta' konvenuta. Fir-rikors ġuramentat, l-Attriċi ma hiex teżerċita l-

azzjoni kontra tiegħu personalment billi titlob li jintrefa' il-velu korporattiv (*lifting of the corprorate veil*). Fil-**ktieb Boyle & Birds' Company Law (7 th Edit. 2009 paġna 62),** l-awturi jgħidu li:

"*It is well established that the courts will not allow the corporate forms to be used for the purposes of fraud, or as a device to evade a contractual or other legal obligation."*

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma hux ikun allegat dak li jirreferu għalih dawn l-awturi. Dak li għandha quddiemha l-Qorti hija azzjoni pura u diretta kontra l-*employer* minħabba danni kemm kontrattwali u anke extra-kontrattwali. Għaliex in parti huwa obbligu impliċitu f'kull kuntratt tax-xogħol li min iħaddem iħares is-saħħa tal-ħaddiem u si tratta wkoll kwistjoni ta' negliġenza u għemil li ma hux konformi ma' dak ta' missier tajjeb tal-familja (*bonus pater familias*).

Għalhekk fid-dawl tal-prinċipju importanti li Soċjeta' b'responsabbilita' limitata hija persuna distinta u awtonoma mill-persuni li jipposjeduha, l-eċċezzjoni ser tintlaqa' u għalhekk l-imsemmi ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Kwantu jirrigwarda s-Soċjeta' assiguratriċi, din ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-Attriċi, għalkemm tajjeb li tkun infurmata bil-Kawża. L-unika relazzjoni ġuridika li għandha hija mal-Kumpanija konvenuta qua assiguratriċi tagħha. Din hija prettament relazzjoni interna bejn dawn l-aħħar tnejn u ma tirrigwardax lill-Attriċi. Għaldaqstant anke din is-Soċjeta' ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

*Il-Mertu*

Ma hux dubitat li l-Attriċi kienet impjegata tas-Soċjeta' konvenuta. Biex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija huwa importanti għalhekk li jkun eżaminat x'jemerġi mill-provi u dwar x'tassew kienet ir-relazzjoni tal-Attriċi qua impjegata mas-Soċjeta' konvenuta qua *employer*.

Bħala rikapitulazzjoni tal-inċident mill-ewwel issir referenza għax-xhieda tal-Attriċi. Xogħlha kien li taħdem fuq speċi ta' forn. Meta fid-data imsemmija marret tixgħelu billi l-ewwel tat ftit ċans u tiftaħ l-amonia. Wara li għamlet il-proċess tas-soltu kif fetħet il-gass, il-forn sploda bil-konsegwenza li ġarrbet il-ġrieħi.

Hi tgħid li l-ġurnata ta' qabel dan il-forn kien bil-ħsara. 'L għada, qalulha li l-ħsara kienet issewwiet. It-tiswija saret minn nies ma li ma kinux tal-mainenance *inhouse* tal-kumpanija. Tgħid ukoll li dan il-forn spiss kien ikollu ħsara u mhux l-ewwel darba li għamel żmien ma jintużax biex jissewwa.

L-Attriċi tissokta tgħid li kif fetħet l-amonia, dan il-forn għamel *backfire* jiġifieri sploda, u ħarġu tlett fjammi kif indikati fir-ritratt bħala dok A (ara' a fol 30). Tgħid li l-fjamma tant kienet b'saħħita li mbuttata lura u s-sħana tal-fjamma laħqitilha għajnejha. Minħabba f'hekk kellha uġiegħ f'dahrha u spalejja għaliex ħabbatha mal-ħajt (a' fol 22).

Kellha wkoll uġiegħ ta' ras insapportabbli u baqgħet tkarkar b'dan l-uġiegħ. Tispjega wkoll, li qatt ma ġiet provduta *safety equipment* u meta kienet tirraporta dwar dan in-nuqqas is-supervisor tagħha Kenneth Galea kien

jgħidilha tmur tissellifhom mingħand Kenneth Cachia li kien ħaddiem ieħor. Minkejja li s-senjalitika kienet twissi li min kien jidħol fil-kamra tal-forn ried jilbes ingwanti, headphones u nuċċali. Għajr għall-ingwanti ma kinux jipprovdu xejn aktar. Tistqarr li nuċċali għal glowing kellha, iżda dan ma kienx biżżejjed protettiv u li ma kienx adegwat. Tissokta tgħid li wara l-inċident, is-*saftey wear* ġie provdut lil dawk il-ħaddiema li bdew jaħdmu fil-forn. It-tabib Melvin Gouder qalilha, li dak li kellha, kien ġej minħabba l-fatt li telgħet il-fjamma tal-forn u xawtitilha layer tal-għajnejn (a' fol 23).

Min-naħa l-oħra s-Soċjeta' konvenuta tinsisti li l-inċident seħħ ħtija tal-Attriċi u prinċipalment minħabba żewġ raġunijiet. Ma operatx il-forn kif suppost u għaliex ma ħaditx ħsieb li timxi mar-regolamenti kemm tal-liġi u kif ukoll dawk mogħtija internament mis-Soċjeta' konvenuta għall-ħarsien ta' saħħitha fuq ix-xogħol.

Daphne Mangion, assistenta personali tal-General Manager tiddiskrivi b'mod dettaljat it-taħriġ li ħadet l-Attriċi fuq il-forn mertu tal-kawża. Għalhekk l-Attriċi kienet taf x'miżuri kellha tieħu sabiex tħares saħħitha (a' fol 667). Skond l-“*instruction document”* ta' kif jaħdem il-forn inkwistjoni hemm speċifikament imniżżel li l-Attriċi kellha taċċerta li tuża ingwanti, in-nuċċali u l-earphones (a' fol 678). Ġie wkoll presentat manwal dettaljat ta' kif għandu jkun operat dan il-forn li l-Attriċi kellha għad-disposizzjoni tagħha.

Neville Porter, jgħid li l-Kumpanija talloka ċertu tagħmir protettiv individwali lill-impjegati u investiet biżżejjed f'tagħmir protettiv li huwa disponibbli għall-

bqija tal-impjegati l-oħra li jkollhom bżonn dan it-tagħmir ġewwa l-fabbrika. Hekk ukoll Radovan Ruzicic, maintenance manager, jgħid li fil-5 ta' Settembru 2015 jiġifieri jum qabel l-inċident, il-forn ma kienx qed jiffunzjona tajjeb għaliex ma bediex jilħaq il-grad massimu ta' sħana. Dan jgħid li hu ta' ordinijiet li l-forn ma għandux jintuża u kemm Kenneth Galea u Rosemarie Bugeja ingħataw din l-istruzzjoni (a' fol 738). Domenic Mintoff, general manager jgħid, li kienu jsiru audits, jgħid li kien hemm quality manager li kien jieħu ħsieb ukoll is-sigurta' tas-saħħa fuq ix-xogħol (a' fol 906).

Iżda l-Qorti ħadet ukoll inkonsiderazzjoni x-xhieda ta' kollegi tal-Attriċi li ġieli daqs kemm ikunu jafu huma x'qed jiġri *shop floor level* ma jkunx jaf il-management meta jseħħ xi inċident fuq il-linja tax-xogħol:

1. Kenneth Galea, kollega tal-Attriċi jgħid li dan il-forn *"kien jibbekfajirja wisq dan il-Forn ... Il-forn bdilnieh issa jigifieri m'għandniex nuzawh għal dak it-tip ta' xogħol ... kien jisimgħu kulhadd. Kien jinhasad kulhadd. Ma tantx huwa modern"* (a' fol 120 u 122). Dan jissokta jgħid li "*gol-kamra ma nhallux ilbies prottetiv għar-raguni billi kif dhalt jista' jibbekfajirja u jagħtik qatgħa, so ilbies prottetiv kien ikun barra l-kamra. Issa barra l-kamra, <u>saret wara li weggħet Antoinette</u> jigifieri konna inhalluh għal kulhadd. Għal kull min irid jidhol fil-kamra, kien ikun hemm head phones u safety glasses. Dak in-inhar assagg (recte "as such") xejn fil-kamra*." (a' fol 123 Emfażi tal-Qorti) <u>Wara l-inċident inbidel il-forn.</u> Il-forn l-antik kellu korrożjoni mentri dak ġdid

ma għandu xejn minn dan (a' fol 785). Dan ix-xhud jgħid li ma kellu ebda problema biex jgħid li l-mudell taċ-ċmieni kienu ħżiena u dan kien nuqqas tal-fabbrika (a' fol 788).

2. Lendon Galea, finincial officer mas-Soċjeta' konvenuta jgħid li ċertu *protective wear* inxtara wara l-inċident u kategorikamant jgħid li qabel ma kienx hemm (a' fol 128). Dan ix-xhud ma ġiex kontro eżaminat.

3. Adone Gerada, storekeeper, anke operatur, jgħid li kemm in-nuċċali u kemm il-headphones "*qatt ma kienu provduti as-such*" (a' fol 159). Issa l-fehma tal-Qorti fir-rigward ta' dan ix-xhud hi, li ħadd daqs store keeper ma jista' jkun jaf x'hemm in stock. Dan ix-xhud jgħid, li dak in-nhar mhux faqqa' iżda l-forn sploda "*Għamel hoss ta' spluzjoni qawwija*" (a' fol 160 tergo). Mistoqsi jgħid x'tip ta' *safety measures* kien hemm ir-risposta tiegħu hija waħda kategorika "*Xejn ma kien hemm safety measures ta' xejn, ma kienx hemm la safety glasses u lanqas headphones"* (a' fol 161). <u>Dan jgħid li dawn inxtraw xhur wara l-inċident</u> (a' fol 161 tergo). Jaf ukoll illi l-Attriċi kienet tilmenta meta kienet tara xi ħaġa ħażina (a' fol163 tergo). In kontro-eżami jgħid, li kienu jirraportaw lil Domenic Mintoff li kien jgħidlilhom li ser jinxtraw iżda ma kien jiġri xejn (a' fol 746 tergo). Domenic Mintoff min-naħa l-oħra jgħid li kull meta kien hemm bżonn li tinxtara xi ħaġa kienet tinxtara. Jissokta jgħid "*Illum il-gurnata iva għax hemm min jordnhom u affrijiet minn daw. Imma dak iz-zmien ma kienx hemm."* Dan qed

isir wara l-inċident (a' fol 747 tergo). Adone Gerada jinsisti, li l-headphones ridt tissellifhom mingħand ħaddiema oħra u hu ma kienx lest li jagħmel dan u xorta kien jaħdem mingħajrhom (a' fol 748). Dan jissokta jgħid li qabel ma kien hemm xejn iżda issa hemm żewġ headphones u fil-forn jistgħu jidħlu minn tlieta sa erbgħa min-nies (ibid).

4. Neville Porter jammetti li l-inċident seħħ minħabba kaġun ta' xi tfaqqiegħ tal-forn mertu tal-Kawża misjub bħala Khone, presubilment l-isem tad-ditta. Iżda jgħid, li dan seħħ jew għax kien hemm xi kurrent ta' arja li tidħol fil-Kamra, bħal ma hi tieqa miftuħa jew għaliex min ikun qiegħed jopera ma jimxix ma' l-istruzzjonijiet ta' kif għandu jkun operat il-forn (a' fol 733). Issa l-Qorti tfakkar, li l-istess enginier stqarr li ċ-ċmieni tal-forn kienu difettuża prinċipalment għaliex ma kellhomx għata fuqhom presubilment biex ikun evitat li tidħol l-arja fihom.

5. Radovan Ruzicic, *maintenance manager*, jgħid, li fil-5 ta' Settembru 2015 jiġifieri jum qabel l-inċident, il-forn ma kienx qed jiffunzjona tajjeb, għaliex ma bediex jilħaq il-grad massimu ta' sħana u jispjega li "*The fault with with the oven consisted in the malfunction of the temperature controller*" Għalhekk kellhom jistitwixxu dik il-parti tal-forn li kienet tikkontrolla s-sħana (a' fol 737). Għalhekk jidher ċar li dan il-forn, apparti li kien antik għaliex inxtara fl-2007, kien difettuż. Dan qed jgħidu t-tekniku tas-Soċjeta' konvenuta stess.

6. Mill-provi jirrisulta bl-aktar mod ċar li dan il-forn kien għamel żmienu. Kien ta' spiss jagħmel *backfire*, kien korrusiv. Kien fi ftit kliem ta' perikolu. Li jagħmel *backfire* u jħabbtek mal-ħajt ma hiex xi ħaġa li tiġri kuljum. Tant kien għamel żmienu li wara l-inċident inġieb ieħor ġdid u aktar modern. (ara a' fol 785 xhieda ta' Kenneth Galea). Wara l-inċident għalhekk is-Soċjeta' konvenuta ħasset li kellha ġġib wieħed ġdid milli tkompli tillapazza b'dak mertu tal-inċident.

Meta l-Qorti tqies ix-xhieda kollha fuq imsemmija, kemm dawk tal-Attriċi u anke tas-Soċjeta' konvenuta, il-Qorti b'idejha fuq qalbha, serenament tasal għall-konklużjoni, li sa fejn jirrigwarda l-punt ta' jekk l-Attriċi operatx dan il-forn tajjeb, tasal għall-konklużjoni, li dan kien il-forn li huwa ħażin u mhux il-mod kif kien qed ikun operat mill-Attriċi.

Il-Qorti tfakkar ukoll li f'dan ir-rigward ir-regolamant numru 5(1) tal-A.L 15/424 jiddisponi *li "Kull prinċipal għandu jara b'mod ġenerali:(a) li kull makkinarju, makna, stallazzjoni, impjant, għodda, tagħmir jew apparat użat f'post tax-xogħol,kif ukoll li kull apparat jew tagħmir ta' salvataġġ intiżbiex jevita jew jelimina perikli, jkun miżmumb'sistema ta' manutenzjoni kif imiss, u għandu jirranġajew isewwi kull ħsara li tista' jew x'aktarx tista'taffettwa s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."* (Ara **Sentenza tal-5 ta' Diċembru, 2023, PA, fl-ismijet Dejan Prodanovikj -vs- S. Borg & Sons Limited et**).

Issa jmiss li jkun ikkunsidrat jekk l-Attriċi imxietx mal-ordnijiet lilha mogħtija mis-Soċjeta' Konvenuta. Saret emfażi partikulari fuq il-fatt li l-Attriċi ma

kellhiex ilbies protettiv u ma għażlitx li tiddesisti milli taħdem u jekk għamlitx sewwa, li fis-6 ta' Settembru 2017 operat dan il-forn kontra d-direttivi ta' Radovan Ruzicic.

Dan jgħid li kellhom jisostitwixxu dik il-parti tal-forn li kienet tikkontrolla s-sħana (a' fol 737). Apparti li din hija wkoll indikazzjoni li dan il-forn kien difettuż minn għeruqu, dan ix-xhud jgħid, li hu ta' ordnijiet li l-forn ma għandux jintuża u kemm Kenneth Galea u Rosemary Bugeja ingħataw din l-istruzzjoni (a' fol 738).

Rosemary Bugeja tgħid, li l-headphones ġew wara l-inċident u dak in-nhar tal-inċident ma kelliex headphones. In-nuċċali li kienet liebsa l-Attriċi kien tagħha tal-vista (a' fol 632 tergo u 631). Mistoqsija min kien jieħu ħsieb is-safety din tgħid li ma tafx u timmaġina li hija l-Kumpanija (a' fol 635). Minkejja li kienet taf li l-Attiċi ma kinitx liebsa lbies protettiv xorta tatha struzzjonijiet li tibqa' għaddejja bix-xogħol (ibid). Meta għamlet ir-rapport li ħallietha taħdem mingħajr ilbies protettiv qalulha li ma għamlitx sewwa (a' fol 636). Din hija *team leader* u ma hux ċar jekk is-saftey kienx jaqa' fir-remit tagħha għaliex fix-xhieda tiegħu, Domenic Mintoff jirreferi għal kariga partikulari li kellha dan ir-remit, iżda ma hiex dan ix-xhud. B'dana kollu din ix-xhud ukoll tgħid li dan l-aspett kienet tieħu ħsiebu.

Issa minkejja li Radovan kien ta l-istruzzjonijiet fuq imsmmija, Rosemary Galea, *team leader* u *supervisor* xorta qalet lill-Attriċi biex taħdem fil-kamra tal-forn għaliex skond hi dan kien proċess normali (a' fol 633). Inzerta li din

hija t-tifla tal-Attriċi u fil-kontroeżami sarilha bumbardament ta' mistoqsijiet u spiss kienet issir referenza għal dan il-fatt.

Issa l-Qorti trid tagħmilha ċara, li l-fatt l-imsemmija Rosemary Galea hija bint l-Attriċi ftit jimporta. Tajjeb jew ħażin, bint jew ma hiex, din kienet impjegata tas-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti minn ottika legali biss tħares lejn dan ix-xhud. Għalhekk jibqa' dejjem li hija s-Soċjeta' konvenuta li għandha twieġeb għall-mod kif jidher li kienu jkunu adoperati l-prattiċi tax-xogħol fir-rejalta' u mhux f'dak li hemm fil-manwal.

Huwa ċar, li s-Soċjeta' konvenuta, bil-kultura Ġermaniża kollha tagħha, ma kellhiex sistema *in place* biex taċċerta li jkollha persuna fuq il-lant tax-xogħol biex jara li effettivament ir-regolamenti tas-saħħa qegħdin ikunu osservati. Il-Qorti tfakkar li regolament 9(1) tal-Avviż legali 424. 18 jiddisponi li "*F'kull post tax-xogħol, prinċipal għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet,kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistih fit-teħid ta' miżurimeħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-posttax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol*".

Issa huwa fatt, li l-Attriċi ħadmet mingħajr l-ilbies preventiv meta fl-*"instruction document"*, fir-rigward ta' min jopera l-forn, speċifikament hemm imniżżel li l-Attriċi kellha taċċerta li tuża l-ingwanti, in-nuċċali u l-earphones. *Prima facie* wieħed jasal għall-konklużjoni li l-Attriċi messha għamlet użu min dan l-ilbies protettiv li seta' jnaqqas mid-dannu li sofriet. Iżda, x'jiġri fir-rejalta' u x'suppost għandu jiġri, huma żewġ affarijet

differenti. Li l-ilbies protettiv ma kienx faċilment disponibbli huwa fatt ipprovat.

In kontro-eżami Kenneth Cachia jgħid li *"Illum kull operatur li huwa, u għadda mill-ezami jew inkella ngħata it-tahrig u jingħata jekk per ezempju ear muffs, jingħata ear muffs kull operator. Qabel kienet ezempju, kien ikun hemm per ezempju inti, għall-argument, u tigi per ezempju jiena jiena nsellfek wiehed, jew jiena nagħtik wiehed. Illum il-gurnata jekk per ezempju inti jkollo bzonn ear muffs, il-kumpanija tagħtik wiehed personali u zzommu għalik. Kull haga protettiva li għandek bzonn tingħata lilek."* Dan jgħodd ukoll anke għan-nuċċali pero' fl-istess nifs jgħid li qabel nuċċali kien jingħata wieħed lil kull operator. Dan jgħid li nuċċali żgur kellha għaliex nuċċali kien jingħata b'mod individwali (a' fol 934).

Adone Gerada jixhed li jinsisti li l-headphones ridt tissellifhom mingħand ħaddiema oħra u hu ma kienx lest li jagħmel dan u xorta kien jaħdem mingħajrhom. Dan jissokta jgħid li qabel ma kien hemm xejn, iżda issa hemm żewġ headphones u fil-forn jistgħu jidħlu minn tlieta sa erbgħa min-nies (a' fol 748). Għalkemm irid jingħad, li bħala tali l-headphones ma jidhirx li kienu neċċessarji skond ir-risk assessment ta' Stella Marie Farrugia, diplomata fl-Occupational Health and Safety. F'risk assessment tirrakomanda u tgħid li "ventilation is to be commissioned asap, ... *safety glasses* during operations (a' fol 845). Issa l-Attriċi tgħid li kellha nuċċali iżda kien għall-glow u mhux għal dak li suppost għandu jkun.

Jidher li l-Attriċi kellha għażla. Li taħdem mingħajr l-ilbies protettiv b'riskju għal saħħitha jew li tirrifjuta li tagħmel ix-xogħol bil-konsegwenzi li dan kien iġib miegħu, għaliex wara l-iniċident il-prinċipal jgħid ħafna affarijiet biex jeżonera lilu nnifsu minn kull responsabbilita'. Di fatti l-Attriċi tgħid li "*skond il-work instructions jgħidulek li trid tilbes headphones, in-nuccali u ingwanti biex taqbad il-heaters ... issa bhal Headphones u nuccalijiet qatt ma kelli jiena, dejjem kont ngħidlihom iva issa ser nixtru u qatt ma nxtara xejn*" (a' fol 592).

Tgħid li l-engineer xorta kien jgħidlilha biex tidħol fil-kamra tal-forn. Anke t-team leader Rosemarie Bugeja, li tiġi bintha, kienet tgħidila biex xorta tidħol u Kenneth Galea, l-engineer u superjur tagħha, ġieli kien jirrabja għaliex kien hemm xogħol xi jsir (a' fol 594 tergo u 595). Għalhekk kien hemm ċertu kompjaċenza ta' kif kien isir ix-xogħol għaliex il-ħaddiem kien mistenni li ma jwaqqafx il-katina ta' produzzjoni. Għalhekk dan ma kienx il-każ fejn kien disponibbli l-ilbies protettiv u ma użatux. Dan huwa l-każ fejn l-ilbies protettiv ma kienx hemm jew trid toqgħod tiġri fuq ħaddieħor biex isellifulek. Il-Qorti dejjem sostniet li f'kuntratti tax-xogħol l-impjegat huwa dejjem il-parti vulnerabbli għaliex ix-xogħol fih innifsu huwa s-sors ta' l-għixien tiegħu u jkollu kemm jista' jkun jogħġob lil min iħaddmu anke b'riskju għal saħħtu. Appuntu l-osservazzjoni li għamlet Giovanna Visintini fil-bran suċitat mill-opera tagħha. Ma jistax li min iħaddem jagħlaq għajnejh għall-fatt li l-impjegat ma hux jilbes ilbies protettiv u meta ssirlu xi kawża għad-danni jinvoka l-obbligu ta' min jaħdem li jagħmel użu minn dan l-ilbies. Li l-ilbies

protettiv fuq il-lant tax-xogħol kien manifestamnet nieqes irriżulta u li d-diriġenti kienu jafu bih jirrisulta mir-rapporti li kienu jsirulhom. Kien biss wara l-inċident li dawn il-problemi ġew indirizzati bħal ma ġara wkoll, bl-akkwist ta' forn ġdid. Biex dan jinbidel kellu jseħħ l-inċident meta l-kitba kienet fuq il-ħajt.

Għalhekk din il-Qorti ma ssib ebda ħtija fl-Attriċi. Hija s-Soċjeta' konvenuta li trid twieġeb għall-inċident.

*Id-danni*

Stabbilita r-responsabbilita' jmiss issa li jkunu kkunsidrati d-danni.

Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (damnun emergens) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (lucrum cessans).

Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib".*

Pero' din il-Qorti tagħti wkoll importanza lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-

prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, il-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident partikularment fil-każ in eżami fejn id-danneġġjat tilfet jew naqset is-sensazzjonijiet sensorjali tagħha fosthom il-vista.

Din il-Qorti ssejjaħ dan l-element bħala integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Mhux ħtija tad-danneġġat li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**). Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati **f'Butler -vs- Hurd**, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

_*Damnum emergens*_

Dan huwa d-dannu effettiv u attwali li jsofri d-danneġjat b'konsegwenza ta' l-inċident.

€741.50 Nuċċali (a' fol 50), €88.91 (a' fol 62), €70 (a' fol 63), €45 (a' fol 64), €65 (a' fol 65), €160 (a' fol 66), €106.90 (a' fol 67), €69.30 (a' fol 68), €121 (a' fol 69), €66 (a' fol 70) €165 (a' fol 71), €46.30 (a' fol 72), €65.50 (a' fol 73), €86.38 (a' fol 74), €85 (a' fol 75), €38.20 (a' fol 76), €46 (a' fol 77), €80 (a' fol 78), €126.38 (a' fol 79), €100 (a' fol 80), €62.77 (a' fol 81), €110 (a' fol 82), €147 (a' fol 83), €130 (a' fol 84), €615 (a' fol 85), €145.11 (a' fol 86), €84 (a' fol 84), €165 (a' fol 88), €10 (a' fol 89), €415 (minn a' fol 90 sa 98), €95 (a' fol 99), €150 (a' fol 100) = erbgħat elef ħames mija u ewro (€4501) (Lejn l-eqreb ewro).

Dawn huma d-danni effettivi. Kwalunkwe infieq ieħor fil-futur ma jaqax taħt din il-Kappa tad-danni.

<u>*Lucrum cessans*</u>

Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attriċi ser tkun affettwata 'l quddiem fl-attivitajiet tagħha u f'saħħitha. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-

grad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

Mr. Levin Gouder ophthalmologist inkarigat ex-parte wasal għall-konklużjoni ta' 15% diżabilita' permanenti (a' fol 46). Filwaqt li t-tobba maħtura mill-Qorti taw s-segwenti pesentaġġi: Dr. Mario Vella Oftalmologu 6% (a' fol 773), Dr. Josanne Aquilina newrologa 5% (a' fol 776) u Dr. Etienne Muscat Inkapaċita' 20% (a' fol 983) Interessanti wkoll li t-tobba tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali kkonkludew 21.4% (a' fol 59 u fol 183). Wara li qieset ir-rapporti fuq imsemmija partikularment ta' dawk maħtura minn din il-Qorti, jidher li jkun ġust u adegwat li 24% rata ta' diżabilita' permanenti globali jkollha mis-sewwa.

Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, sa fejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal

kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

Għalhekk in ommaġġ għall-prinċipju tar-'restitutio in integrum', minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti wkoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu.

Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma. Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attriċi bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba Attriċi sejra tinbena. Għalhekk il-Qorti tħoss li sabiex tagħmel tajjeb għall-effetti miserabbli li l-inċident ħalla' fuq l-Attriċi għall-bqija ta' ħajjitha qed tillikwida s-somma konservattiva ta' ħamest elef ewro (€5000) rappreżentanti l-frammentazzjoni psiko-soċjali ta' ħajjet l-Attriċi.

Il-'multiplier' li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li tingħata l-Attriċi jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-'multiplier' bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost*

*earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

Huwa wkoll stabbilit li l-'multiplier' għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Illum huwa stabbilit li l-'multiplier' ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ- 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun*

*ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*". Iżda l-figura użata għall-iskop tal-'multiplier' mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttiġieġ deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat*."

Issa din il-Qorti ssib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirriżultax li l-Attriċi kienet isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulha ħajjitha. Meta weġġħet kienet waslet biex tagħlaq 50 sena. L-eta' pensjonabbli għal dik tan-nisa hija 64 sena, li jfisser il-'mutiplier' għandu jkun ta' 14 -il sena.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għaddha żmien qasir mill-'event' dannuż u s-Sentenza finali. (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 22 ta' Lulju 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru,**

**1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction"* – (ara **Sentenza fl-ismijiet Aġius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin.

Din il-Qorti ser tkun qed timxi ma' din l-aħħar Sentenza u tikkonkludi li għandu jkun 18% anke jekk għaddew sitt snin minn fuq il-Kawża għaliex jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi ebda waħda mill-partijiet ma taħti għad-dewmien. Id-dewmien kien ikkawżat minħabba l-eżamiijiet mediċi li kellhom isiru lill-Attriċi.

Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: Is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevolment wieħed stabbli u fit-tul. Fid-dawl tal-provi u wara li eżaminat id-dokumenti esebiti tat-taxxa, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Attriċi fin-nota ta' osservazzjonijiet li s-salarju għandu jitqies li kien ta' €8,171 fis-sena (Ara a' fol 1025 u a' fol 101). Peress li dan huwa kalkolu għall-futur wieħed irid ukoll jieħu inkonsiderazzjoni l-"purchasing power" dovut għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price

Index imperfect instrument it may be, it is the best we have". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

Pero' il-Qorti trid tqies ukoll l-Attriċi x'ser ikollha entrojtu. Irċievit injury benefit għall-perjodu li jmur lura mit-13 ta' Settembru 2017 sas-6 ta' Settembru 2018. Bdiet tirċievi wkoll *disablement pension* mis-26 ta' Jannar 2019. Din hija rata ta' €17.82 fil-ġimgħa. Dan ma jistax jieqaf għaliex huwa kontributorju. Jibqa' jingħata sal-eta' pensjonabbli żgur (a' fol 646 tergo u 647). Total li tħallset sas-6 ta' Ottubru 2019 huwa ta' €5777 (l-eqreb ewro) (a' fol 658). Għalhekk il-Qorti ser tikkonsidra wkoll tnaqqis ta' dak li ser tirċievi fil-futur tenut kont tal-pensjoni ta' diżabilita' li ser tkun qed tirċievi żgur sakemm toħroġ bil-pensjoni jiġifieri għal 14 -il sena li ġejjin. Dan jammonta żgur għal €12,973. Dan irid jitnaqqas għaliex altrimenti l-Attriċi skond il-formuli adottati minn dawn il-Qrati ser tkun qed tirċievi aktar minn dak li hija intitolata bħala lucrum cessans.

Peress li dan huwa kalkolu għall-futur wieħed irid ukoll jieħu inkonsiderazzjoni l-"*purchasing power*" dovut għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Għalhekk il-Qorti qed tistabilixxi *at arms length* żieda ta' fuq l-ammont finali tal-lucrum cessans 6%. Stabbilit il-*lucrum*

*cessans* ma' dan irid jiżdied l-ammont ta' *damnum emergens* fuq imsemmi u b'hekk naslu għas-somma totali ta' danni sofferti mill-Attriċi.

Il-Qorti trid ukoll tieħu inkonsiderazzjoni li l-Attriċi ser tibqa' tieħu għal għomorha mediċina jisimha Nortrilen (25mg) u għalhekk ser ikollha tonfoq €48.80 fix-xahar għal tul ħajjitha (a' fol 28). B'hekk sal-eta' pensjonabbli ser ikollha tonfoq €8198.

*Likwidazzjoni tad-danni*

€8171 (salarju annwali) x 14 (Snin sal-pensjoni) = €114,394. 24% (rata ta' diżabilta') ta' l-ammont €114,394 = €27,454e – 18% (lump sum payment) =€22,512 + €5000 (Integrita' fiżika) = €27,512e + 6% (inflazzjoni)= €29,163 -€12973(pensjoni ta' diżabilita' fil-futur) = €16,190e + (€8198) (mediċina Nortilen sal-eta' tal-pesnjoni) = (€24,388) + (€4501) (damnum emergens) = (€28,889).

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi.**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' tmienja u għoxrin elf tmien mija u disgħa u tmenin ewro €28,889

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' Hotset Malta Limited tħallas lill-Attriċi s-somma kif likwidata.

**Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju** liż-żewġ konvenuti l-oħrajn bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Spejjes għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**